**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1834**

**tal-24 ta' Ottubru 2019**

**li temenda l-Annessi II u IV tad-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE fir-rigward ta' adattamenti purament tekniċi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Il-Prinċipju Nru 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([2]), ipproklamat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jiddikjara li kull ħaddiem għandu d-dritt għal ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sigur u adattat. Id-dritt tal-ħaddiema għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tagħhom fuq ix-xogħol u għal ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet professjonali tagħhom u li jippermettilhom itawlu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol jinkludi trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti.

(2) L-implimentazzjoni tad-direttivi relatati mas-saħħa u mas-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, inkluża d-Direttiva 92/29/KEE, kienet is-suġġett ta' evalwazzjoni *ex-post*, imsejħa evalwazzjoni REFIT. L-evalwazzjoni ħarset lejn ir-rilevanza tad-direttivi, lejn ir-riċerka u lejn għarfien xjentifiku ġdid fid-diversi oqsma kkonċernati. L-evalwazzjoni REFIT, imsemmija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ([3]), fost affarijiet oħra tikkonkludi li l-lista ta' provvisti tal-mediċina obbligatorji fl-Anness II tad-Direttiva 92/29/KEE hemm bżonn tiġi aġġornata u li jenħtieġ li tissaħħaħ il-koerenza ma' strumenti internazzjonali.

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd – Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali" ([4]), il-Kummissjoni tenniet li filwaqt li l-evalwazzjoni REFIT tal-*acquis* tal-Unjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali kkonfermat li l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam hija ġeneralment effettiva u adatta għall-iskop tagħha, hemm lok għal aġġornament tar-regoli obsoleti u li jiġu żgurati protezzjoni, konformità u nfurzar aħjar u usa' fil-prattika. Il-Kummissjoni tenfasizza l-bżonn partikolari li tiġi aġġornata l-lista ta' provvisti tal-mediċina obbligatorji fl-Anness II tad-Direttiva 92/29/KEE.

(4) Id-Direttiva 92/29/KEE tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb għal persuni li jwettqu xogħol abbord bastiment. Telenka l-provvisti tal-mediċina meħtieġa abbord u tindirizza l-mod kif jiġu assenjati r-responsabbiltajiet, l-informazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-ispezzjoni.

(5) L-Anness II tad-Direttiva 92/29/KEE fih lista mhux eżawrjenti ta' provvisti tal-mediċina meħtieġa abbord, inklużi mediċini, tagħmir mediku u antidoti. Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-provvisti tal-mediċina jvarjaw skont il-kategorija tal-bastiment kif definit fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(6) Fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi u mediċi li saru mill-adozzjoni tagħha jixraq li l-Anness II tad-Direttiva 92/29/KEE jiġi emendat, b'mod partikolari fir-rigward tat-tagħmir mediku u tal-mediċini ġodda li saru disponibbli, kif ukoll il-mediċini jew it-tagħmir mediku li ma hemmx bżonn li jibqgħu jinżammu abbord. Barra minn hekk, f'diversi każijiet, il-prattika medika wriet il-bżonn li l-formulazzjoni tal-kliem ta' entrati eżistenti fl-Anness II tad-Direttiva 92/29/KEE tiġi aġġornata jew adattata biex tirrifletti aktar mill-qrib il-prattiki attwali.

([1]) ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19
([2]) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, Novembru 2017, https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt
([3]) SWD(2017) 10 final
([4]) COM(2017) 12 final

(7) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-bastimenti li jibqgħu qrib ħafna tax-xatt jew li ma jipprovdux akkomodazzjoni f'kabini li jagħmlu parti mill-kategorija C peress li t-tendenza hi li dawn il-bastimenti jkunu iżgħar u jista' ma jkollhomx l-ispazju għall-provvisti tal-mediċina kollha. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tad-Direttiva 92/29/KEE jippermetti li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istati Membri jikkunsidraw l-użu ta' alternattivi (mediċini jew tagħmir mediku) għal raġunijiet oġġettivament ġustifikati. Minħabba l-ispeċifiċitajiet tal-bastimenti fil-kategorija C, ma hemmx bżonn li ċerti oġġetti jinżammu abbord u għalhekk il-lista ta' mediċini u ta' tagħmir mediku ta' dik il-kategorija jenħtieġ li titqassar kemxejn.

(8) L-Anness IV tad-Direttiva 92/29/KEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex titqies l-emenda tal-Anness II, minħabba li l-Anness IV jistabbilixxi qafas ġenerali għall-ispezzjoni tal-provvisti tal-mediċina tal-bastimenti u bħala tali huwa marbut ħafna mal-Anness II u jirriproduċi l-kontenut tiegħu għall-finijiet ta' spezzjoni.

(9) L-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/29/KEE jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jitqiesu l-istrumenti internazzjonali, bħall-International Medical Guide for Ships (Il-Gwida Medika Internazzjonali għall-Bastimenti) ([5]), kif ukoll sabiex jinżammu l-livelli eżistenti ta' protezzjoni għal persuni li jwettqu xogħol abbord bastiment, u sabiex jirriflettu l-iżviluppi xjentifiċi u mediċi fil-qasam, li sempliċiment jirrikjedu aġġustamenti tekniċi fuq il-post tax-xogħol.

(10) Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ġie kkonsultat dwar il-miżuri bħala riżultat tal-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd – Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali" li huma meħtieġa sabiex il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali tinżamm effettiva u adatta għall-iskop tagħha.

(11) Fl-"Opinjoni dwar il-Modernizzazzjoni tas-Sitt Direttivi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali sabiex Jiġi Żgurat Xogħol Aktar Sigur u Tajjeb għas-Saħħa għal Kulħadd" ([6]) (Opinion on the Modernisation of Six OSH Directives to Ensure Healthier and Safer Work for All) tiegħu, li ġiet adottata fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jirrakkomanda li l-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/29/KEE jenħtieġ li jiġu aġġornati.

(12) Fis-sussegwenti "Opinjoni dwar l-Aġġornamenti tekniċi tal-annessi tad-Direttiva dwar Trattament Mediku abbord il-bastimenti (92/29)" (Opinion on the Technical updates of annexes of the Directive Medical Treatment on board (92/29)) ([7]), li ġiet adottata fil-31 ta' Mejju 2018, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jirrakkomanda li l-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/29/KEE jenħtieġ li jiġu aġġornati sabiex jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi u mediċi fil-qasam.

(13) Il-Kummissjoni kienet megħjuna minn esperti li jirrappreżentaw l-Istati Membri, li pprovdew appoġġ tekniku u xjentifiku.

(14) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([8]), li ġiet adottata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ntrabtu li f'każijiet iġġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/29/KEE,

([5]) International medical guide for ships: including the ship's medicine chest. (Il-Gwida medika internazzjonali għall-bastimenti: inkluża l-kaxxa tal-mediċini tal-vapur). It-tielet edizzjoni, Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2007 (ISBN 978 92 4 154720 8)
([6]) Id-Dokument 1718/2017 tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
([7]) Id-Dokument 444/18 tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
([8]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/29/KKE huma sostitwiti bit-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru 2021. L-Istati Membri għandhom jgħaddu minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

(1) L-Anness II tad-Direttiva 92/29/KEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS II*

**PROVVISTI TAL-MEDIĊINA (LISTA MHUX EŻAWRJENTI) (*)**

**(Artikolu 1(d))**

(*) *Fid-dawl tal-Artikolu 2(1)(a), taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw l-użu ta' mediċini jew ta' tagħmir mediku alternattivi għal raġunijiet oġġettivament ġustifikati.*

I. **MEDIĊINI**

| | *Kategoriji ta' bastimenti* | | |
|---|---|---|---|
| | A | B | C |
| 1. **Kardjovaskulari** | | | |
| (a) Simpatikomimetiċi kardjoċirkolatorji | x | x | |
| (b) Preparati kontra l-anġina | x | x | x |
| (c) Dijuretiċi | x | x | |
| (d) Antiemorraġiċi inklużi uterotoniċi jekk ikun hemm nisa abbord | x | x | |
| (e) Antiipertensivi | x | x | |
| 2. **Sistema gastrointestinali** | | | |
| (a) Mediċini għal disturbi gastriċi u duwodenali | | | |
| — Mediċina għat-trattament ta' ulċeri fl-istonku u ta' gastrite | x | x | |
| — Protetturi antiaċidi tal-mukoża | x | x | |
| (b) Antiemetiċi | x | x | |
| (c) Lassattivi | x | | |
| (d) Mediċini kontra d-dijarea | x | x | x |
| (e) Preparati kontra l-emorrojdi | x | x | |
| 3. **Analġeżiċi u antispażmodiċi** | | | |
| (a) Preparati analġeżiċi, antipiretiċi u antiinfjammatorji | x | x | x |
| (b) Analġeżiċi qawwija | x | x | |
| (c) Spażmolitiċi | x | x | |
| 4. **Sistema nervuża** | | | |
| (a) Ansjolitiċi | x | x | |
| (b) Newrolettiċi | x | x | |
| (c) Rimedji kontra d-dardir tal-baħar | x | x | x |
| (d) Antiepilettiċi | x | x | |
| 5. **Mediċini kontra l-allerġiji u antianafilattiċi** | | | |
| (a) Antiistamini | x | x | |
| (b) Glukokortikojdi | x | x | |

| | *Kategoriji ta' bastimenti* | | |
|---|---|---|---|
| | A | B | C |
| 6. **Sistema respiratorja** | | | |
| (a) Preparati għall-kura ta' bronkospażmi | x | x | |
| (b) Mediċini kontra s-sogħla | x | x | |
| (c) Mediċini li jintużaw għall-irjiħat u għas-sinusite | x | x | |
| 7. **Kontra l-infezzjonijiet** | | | |
| (a) Antibijotiċi (mill-inqas żewġ klassijiet) | x | x | |
| (b) Antiparassitiċi | x | x | |
| (c) Vaċċini u immunoglobulini kontra t-tetnu | x | x | |
| (d) Mediċini kontra l-malarja, it-trasport għandu jiddependi fuq il-post tal-operazzjonijiet | x | x | |
| 8. **Komposti li jgħinu r-ridratazzjoni, it-teħid ta' kaloriji u l-espansjoni tal-plażma** | x | x | |
| 9. **Mediċini għall-użu estern** | | | |
| (a) *Mediċini tal-ġilda* | | | |
| — Soluzzjonijiet antisettiċi | x | x | x |
| — Ingwenti antibijotiċi | x | x | |
| — Ingwenti antiinfjammatorji u analġeżiċi | x | x | |
| — Kremi antimikotiċi tal-ġilda | x | | |
| — Preparati kontra l-ħruq | x | x | x |
| (b) *Mediċini tal-għajnejn* | | | |
| — Antibijotiċi u antinfjammatorji | x | x | |
| — Qtar anestetiku | x | x | |
| — Soluzzjoni salina għat-tlaħliħ tal-għajnejn | x | x | x |
| — Qtar ipotoniku mijotiku | x | x | |
| (c) *Mediċini tal-widnejn* | | | |
| — Soluzzjonijiet anestetiċi u antiinfjammatorji | x | x | |
| (d) *Mediċini għal infezzjonijiet tal-ħalq u tal-griżmejn* | | | |
| — Prodotti antisettiċi għat-tlaħliħ tal-ħalq | x | x | |
| (e) *Anestetiċi lokali* | | | |
| — Anestetiċi lokali li jużaw l-iffriżar | x | | |
| — Anestetiċi lokali li jingħataw permezz ta' injezzjoni taħt il-ġilda | x | x | |

II. **TAGĦMIR MEDIKU**

| | Kategoriji ta' bastimenti | | |
|---|---|---|---|
| | A | B | C |
| 1. **Tagħmir għar-risuxxitazzjoni** | | | |
| — Borża ambu (jew ekwivalenti); fornut b'maskri kbar, medji u żgħar | x | x | |
| — Apparat għall-amministrazzjoni tal-ossiġenu b'valv li jnaqqas il-pressjoni sabiex ikun jista' jintuża l-ossiġenu industrijali tal-vapur, jew kontenitur tal-ossiġenu ([1]) | x | x | |
| — Aspiratur mekkaniku biex jiftaħ il-passaġġi respiratorji ta' fuq | x | x | |
| 2. **Faxex u tagħmir għas-sutura** | | | |
| — Turniketti | x | x | x |
| — Stejpler tas-sutura jew kitt tas-sutura bil-labar mhux riutilizzabbli | x | x | |
| — Faxex elastiċi adeżivi | x | x | x |
| — Strixxi tal-garża | x | x | |
| — Garża tubulari għall-infaxxar tas-swaba | x | | |
| — Kompressi tal-garża sterili | x | x | x |
| — Liżar sterili għal vittmi ta' ħruq | x | x | |
| — Faxxa trijangulari (sling) | x | x | |
| — Ingwanti mhux riutilizzabbli | x | x | x |
| — Faxex adeżivi | x | x | x |
| — Faxex sterili ta' kompressjoni | x | x | x |
| — Suturi adeżivi jew faxex tal-ossidu taż-żingu | x | x | x |
| — Suturi mhux assorbenti bil-labar | x | | |
| — Garża bil-vażelina | x | x | |
| 3. **Strumenti** | | | |
| — Skieken żgħar tal-operazzjonijiet mhux riutilizzabbli | x | | |
| — Kaxxa għall-istrumenti magħmula minn materjal adatt | x | x | |
| — Imqassijiet | x | x | |
| — Forċipi għad-dissezzjoni | x | x | |
| — Klampi emostatiċi | x | x | |
| — Forċipi tal-labar | x | | |
| — Xfafar li jintremew | x | | |
| 4. **Tagħmir għal eżamijiet u monitoraġġ** | | | |
| — Depressuri tal-ilsien mhux riutilizzabbli | x | x | |
| — Strixxi reattivi għall-analiżi tal-urina | x | | |
| — Ċarts tat-temperatura | x | | |
| — Lożor f'każ ta' evakwazzjoni medika | x | x | |
| — Stetoskopju | x | x | |
| — Sfigmomanometru | x | x | |

| | *Kategorija ta' bastimenti* | | |
|---|---|---|---|
| | A | B | C |
| — Termometru mediku | x | x | |
| — Termometru ipotermiku | x | x | |
| — Test rapidu għall-malarja, it-trasport għandu jiddependi fuq il-post tal-operazzjonijiet | x | x | |
| 5. **Tagħmir għall-injezzjoni, għall-perfużjoni, għat-titqib u għall-kateterizzazzjoni** | | | |
| — Tagħmir għat-tbattil tal-bużżieqa tal-urina (adattat għall-irġiel u għan-nisa) | x | | |
| — Sett għall-infużjoni fil-vini | x | x | |
| — Siringi u labar mhux riutilizzabbli | x | x | |
| 6. **Tagħmir mediku ġenerali** | | | |
| — Tagħmir protettiv mediku u ta' kura personali | x | x | |
| — Patella | x | | |
| — Flixkun tal-ilma sħun | x | | |
| — Flixkun għall-urina | x | | |
| — Borża tas-silġ | x | | |
| 7. **Tagħmir għall-immobilizzar u għall-issettjar** | | | |
| — Sett ta' qassaba ta' daqsijiet differenti għall-estremitajiet | x | x | |
| — Kullar għall-immobilizzar tal-għonq | x | x | |
| 8. **Diżinfezzjoni, diżinsettizzazzjoni u profilassi** | | | |
| — Kompost għad-diżinfetazzjoni tal-ilma | x | | |
| — Insettiċida likwidu | x | | |
| — Insettiċida f'forma ta' trab | x | | |

([1]) Skont il-kundizzjonijiet ta' użu preskritti mil-liġijiet u/jew mill-prattiki nazzjonali

## III. ANTIDOTI

| |
|---|
| 1. **Mediċini** |
| — Ġenerali |
| — Kardjovaskulari |
| — Sistema gastrointestinali |
| — Sistema nervuża |
| — Sistema respiratorja |
| — Kontra l-infezzjonijiet |
| — Għall-użu estern |
| 2. **Tagħmir mediku** |
| — Meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ossiġenu (inklużi rekwiżiti ta' manutenzjoni) |

*Nota:*

Għall-implimentazzjoni dettaljata tat-Taqsima III, l-Istati Membri jistgħu jirreferu għall-Gwida għall-Ewwel Għajnuna Medika għall-użu f'aċċidenti li jinvolvu oġġetti perikolużi (MFAG) tal-OMI li tinsab fl-edizzjoni konsolidata tal-1990 tal-Kodiċi Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi Marittimi tal-OMI, kif emendata.

Kwalunkwe adattament tat-Taqsima III fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 jista' jqis, fost l-oħrajn, kwalunkwe aġġornament tal-MFAG."

(2) L-Anness IV tad-Direttiva 92/29/KEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS IV*

**QAFAS ĠENERALI GĦALL-ISPEZZJONI TA' PROVVISTI TAL-MEDIĊINA TA' BASTIMENTI**

**(Artikolu 2(1)(c), Artikolu 3(3))**

TAQSIMA A

***BASTIMENTI TAL-KATEGORIJA A***

I. **Dettalji tal-bastiment**

Isem: ……………………………………………………………………………………………

Bandiera: …………………………………………………………………………………………

Port tal-irmiġġ: ……………………………………………………………………………………

II. **Provvisti tal-mediċina**

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 1.**MEDIĊINA** | | | |
| 1.1. **Kardjovaskulari** | | | |
| (a) Simpatikomimetiċi kardjoċirkolatorji | 0 | 0 | 0 |
| (b) Preparati kontra l-anġina | 0 | 0 | 0 |
| (c) Dijuretiċi | 0 | 0 | 0 |
| (d) Antiemorraġiċi inklużi uterotoniċi jekk ikun hemm nisa abbord | 0 | 0 | 0 |
| (e) Antiipertensivi | 0 | 0 | 0 |
| 1.2. **Sistema gastrointestinali** | | | |
| (a) Mediċini għal disturbi gastriċi u duwodenali | 0 | 0 | 0 |
| — Mediċina għat-trattament ta' ulċeri fl-istonku u ta' gastrite | 0 | 0 | 0 |
| — Protetturi antiaċidi tal-mukoża | 0 | 0 | 0 |
| (b) Antiemetiċi | 0 | 0 | 0 |
| (b) Lassattivi | 0 | 0 | 0 |
| (d) Mediċini kontra d-dijarea | 0 | 0 | 0 |
| (e) Preparati kontra l-emorrojdi | 0 | 0 | 0 |

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 1.3. **Analġeżiċi u antispażmodiċi** | | | |
| (a) Preparati analġeżiċi, antipiretiċi u antiinfjammatorji | 0 | 0 | 0 |
| (b) Analġeżiċi qawwija | 0 | 0 | 0 |
| (c) Spażmolitiċi | 0 | 0 | 0 |
| 1.4. **Sistema nervuża** | | | |
| (a) Ansjolitiċi | 0 | 0 | 0 |
| (b) Newrolettiċi | 0 | 0 | 0 |
| (c) Rimedji kontra d-dardir tal-baħar | 0 | 0 | 0 |
| (d) Antiepilettiċi | 0 | 0 | 0 |
| 1.5. **Mediċini kontra l-allerġiji u antianafilattiċi** | | | |
| (a) Antiistamini | 0 | 0 | 0 |
| (b) Glukokortikojdi | 0 | 0 | 0 |
| 1.6. **Sistema respiratorja** | | | |
| (a) Preparati għall-kura ta' bronkospażmi | 0 | 0 | 0 |
| (b) Mediċina kontra s-sogħla | 0 | 0 | 0 |
| (c) Mediċini li jintużaw għall-irjiħat u għas-sinusite | 0 | 0 | 0 |
| 1.7. **Kontra l-infezzjonijiet** | | | |
| (a) Antibijotiċi (mill-inqas żewġ klassijiet) | 0 | 0 | 0 |
| (b) Antiparassitiċi | 0 | 0 | 0 |
| (c) Vaċċini u immunoglobulini kontra t-tetnu | 0 | 0 | 0 |
| (d) Mediċini kontra l-malarja, it-trasport għandu jiddependi fuq il-post tal-operazzjonijiet | 0 | 0 | 0 |
| 1.8. **Komposti li jgħinu r-ridratazzjoni, it-teħid ta' kaloriji u l-espansjoni tal-plażma** | 0 | 0 | 0 |
| 1.9. **Mediċini għall-użu estern** | | | |
| (a) *Mediċini tal-ġilda* | 0 | 0 | 0 |
| — Soluzzjonijiet antisettiċi | 0 | 0 | 0 |
| — Ingwenti antibijotiċi | 0 | 0 | 0 |
| — Ingwenti antiinfjammatorji u analġeżiċi | 0 | 0 | 0 |
| —Kremi antimikotiċi tal-ġilda | 0 | 0 | 0 |
| — Preparati kontra l-ħruq | 0 | 0 | 0 |
| (b) *Mediċini tal-għajnejn* | 0 | 0 | 0 |
| — Antibijotiċi u antiinfjammatorji | 0 | 0 | 0 |
| — Qtar anestetiku | 0 | 0 | 0 |
| — Soluzzjoni salina għat-tlaħliħ tal-għajnejn | 0 | 0 | 0 |
| — Qtar ipotoniku mijotiku | 0 | 0 | 0 |

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| (c) *Mediċini tal-widnejn* | 0 | 0 | 0 |
| — Soluzzjonijiet anestetiċi u antiinfjammatorji | 0 | 0 | 0 |
| (d) *Mediċini għal infezzjonijiet tal-ħalq u tal-griżmejn* | 0 | 0 | 0 |
| — Prodotti antisettiċi għat-tlaħliħ tal-ħalq | 0 | 0 | 0 |
| (e) *Anestetiċi lokali* | 0 | 0 | 0 |
| — Anestetiċi lokali li jużaw l-iffriżar | 0 | 0 | 0 |
| — Anestetiċi lokali li jingħataw permezz ta' injezzjoni taħt il-ġilda | 0 | 0 | 0 |
| 2. **TAGĦMIR MEDIKU** | | | |
| 2.1. **Tagħmir għar-risuxxitazzjoni** | | | |
| — Borża Ambu (jew ekwivalenti); fornut b'maskri kbar, medji u żgħar | 0 | 0 | 0 |
| — Apparat għall-amministrazzjoni tal-ossiġenu b'valv li jnaqqas il-pressjoni sabiex ikun jista' jintuża l-ossiġenu industrijali tal-vapur, jew kontenitur tal-ossiġenu ([1]) | 0 | 0 | 0 |
| — Aspiratur mekkaniku biex jiftaħ il-passaġġi respiratorji ta' fuq | 0 | 0 | 0 |
| 2.2. **Faxex u tagħmir għas-sutura** | | | |
| — Turniketti | 0 | 0 | 0 |
| — Stejpler tas-sutura jew kitt tas-sutura bil-labar mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex elastiċi adeżivi | 0 | 0 | 0 |
| — Strixxi tal-garża | 0 | 0 | 0 |
| — Garża tubulari għall-infaxxar tas-swaba | 0 | 0 | 0 |
| — Kompressi tal-garża sterili | 0 | 0 | 0 |
| — Liżar sterili għal vittmi ta' ħruq | 0 | 0 | 0 |
| — Faxxa trijangulari (sling) | 0 | 0 | 0 |
| — Ingwanti mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex adeżivi | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex sterili ta' kompressjoni | 0 | 0 | 0 |
| — Suturi adeżivi jew faxex tal-ossidu taż-żingu | 0 | 0 | 0 |
| — Suturi mhux assorbenti bil-labar | 0 | 0 | 0 |
| — Garża bil-važelina | 0 | 0 | 0 |
| 2.3. **Strumenti** | | | |
| — Skieken żgħar tal-operazzjonijiet mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| — Kaxxa għall-istrumenti magħmula minn materjal adatt | 0 | 0 | 0 |
| — Imqassijiet | 0 | 0 | 0 |
| — Forċipi għad-dissezzjoni | 0 | 0 | 0 |

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| — Klampi emostatiċi | 0 | 0 | 0 |
| — Forċipi tal-labar | 0 | 0 | 0 |
| — Xfafar li jintremew | 0 | 0 | 0 |
| 2.4. **Tagħmir għal eżamijiet u monitoraġġ** | 0 | 0 | 0 |
| — Depressuri tal-ilsien mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| — Strixxi reattivi għall-analiżi tal-urina | 0 | 0 | 0 |
| — Ċarts tat-temperatura | 0 | 0 | 0 |
| — Lożor f'każ ta' evakwazzjoni medika | 0 | 0 | 0 |
| — Stetoskopju | 0 | 0 | 0 |
| — Sfigmomanometru | 0 | 0 | 0 |
| — Termometru mediku | 0 | 0 | 0 |
| — Termometru ipotermiku | 0 | 0 | 0 |
| — Test rapidu għall-malarja, it-trasport għandu jiddependi fuq il-post tal-operazzjonijiet | 0 | 0 | 0 |
| 2.5. **Tagħmir għall-injezzjoni, għall-perfużjoni, għat-titqib u għall-kateterizzazzjoni** | 0 | 0 | 0 |
| — Tagħmir għat-tbattil tal-bużżieqa tal-urina (adattat għall-irġiel u għan-nisa) | 0 | 0 | 0 |
| — Sett għall-infużjoni fil-vini | 0 | 0 | 0 |
| — Siringi u labar mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| 2.6. **Tagħmir mediku ġenerali** | 0 | 0 | 0 |
| — Tagħmir protettiv mediku u ta' kura personali | 0 | 0 | 0 |
| — Patella | 0 | 0 | 0 |
| — Flixkun tal-ilma sħun | 0 | 0 | 0 |
| — Flixkun għall-urina | 0 | 0 | 0 |
| — Borża tas-silġ | 0 | 0 | 0 |
| 2.7. **Tagħmir għall-immobilizzar u għall-issettjar** | 0 | 0 | 0 |
| — Sett ta' qassaba ta' daqsijiet differenti għall-estremitajiet | 0 | 0 | 0 |
| — Kullar għall-immobilizzar tal-għonq | 0 | 0 | 0 |
| 2.8. **Diżinfezzjoni, diżinsettizzazzjoni u profilassi** | 0 | 0 | 0 |
| — Kompost għad-diżinfezzjoni tal-ilma | 0 | 0 | 0 |
| — Insettiċida likwidu | 0 | 0 | 0 |
| — Insettiċida f'forma ta' trab | 0 | 0 | 0 |
| 3. **ANTIDOTI** | | | |
| 3.1. Ġenerali | 0 | 0 | 0 |
| 3.2. Kardjovaskulari | 0 | 0 | 0 |
| 3.3. Sistema gastrointestinali | 0 | 0 | 0 |
| 3.4. Sistema nervuża | 0 | 0 | 0 |

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 3.5. Sistema respiratorja | 0 | 0 | 0 |
| 3.6. Kontra l-infezzjonijiet | 0 | 0 | 0 |
| 3.7. Għall-użu estern | 0 | 0 | 0 |
| 3.8. Oħrajn | 0 | 0 | 0 |
| 3.9. Meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ossiġenu (inklużi rekwiżiti ta' manutenzjoni) | 0 | 0 | 0 |

(1) Skont il-kundizzjonijiet ta' użu preskritti mil-liġijiet u/jew mill-prattiki nazzjonali.

Post u data: ..........................................................................................................

Firma tal-Kaptan: ..................................................................................................

Awtorizzazzjoni minn persuna jew awtorità kompetenti: .......................................................

TAQSIMA B

***BASTIMENTI TAL-KATEGORIJA B***

I. **Dettalji tal-bastiment**

Isem: ........................................................................................................

Bandiera: ........................................................................................................

Port tal-irmiġġ: ........................................................................................................

II. **Provvisti tal-mediċina**

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 1. **MEDIĊINA** | | | |
| 1.1. **Kardjovaskulari** | | | |
| (a) Simpatikomimetiċi kardjoċirkolatorji | 0 | 0 | 0 |
| (b) Preparati kontra l-anġina | 0 | 0 | 0 |
| (c) Dijuretiċi | 0 | 0 | 0 |
| (d) Antiemorraġiċi inklużi uterotoniċi jekk ikun hemm nisa abbord | 0 | 0 | 0 |
| (e) Antiipertensivi | 0 | 0 | 0 |
| 1.2. **Sistema gastrointestinali** | | | |
| (a) Mediċini għal disturbi gastriċi u duwodenali | 0 | 0 | 0 |
| — Mediċina għat-trattament ta' ulċeri fl-istonku u ta' gastrite | 0 | 0 | 0 |
| — Protetturi antiaċidi tal-mukoża | 0 | 0 | 0 |
| (b) Antiemetiċi | 0 | 0 | 0 |
| (c) Mediċini kontra d-dijarea | 0 | 0 | 0 |
| (e) Preparati kontra l-emorrojdi | 0 | 0 | 0 |
| 1.3. **Analġeżiċi u antispażmodiċi** | | | |
| (a) Preparati analġeżiċi, antipiretiċi u antiinfjammatorji | 0 | 0 | 0 |
| (b) Analġeżiċi qawwija | 0 | 0 | 0 |
| (c) Spażmolitiċi | 0 | 0 | 0 |
| 1.4. **Sistema nervuża** | | | |
| (a) Ansjolitiċi | 0 | 0 | 0 |
| (b) Newrolettiċi | 0 | 0 | 0 |
| (c) Rimedji kontra d-dardir tal-baħar | 0 | 0 | 0 |
| (d) Antiepilettiċi | 0 | 0 | 0 |
| 1.5. **Mediċini kontra l-allerġiji u antianafilattiċi** | | | |
| (a) Antiistamini | 0 | 0 | 0 |
| (b) Glukokortikojdi | 0 | 0 | 0 |

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 1.6. **Sistema respiratorja** | | | |
| (a) Preparati għall-kura ta' bronkospażmi | 0 | 0 | 0 |
| (b) Mediċina kontra s-sogħla | 0 | 0 | 0 |
| (c) Mediċini li jintużaw għall-irjiħat u għas-sinusite | 0 | 0 | 0 |
| 1.7. **Kontra l-infezzjonijiet** | | | |
| (a) Antibijotiċi (mill-inqas żewġ klassijiet) | 0 | 0 | 0 |
| (b) Antiparassitiċi | 0 | 0 | 0 |
| (c) Vaċċini u immunoglobulini kontra t-tetnu | 0 | 0 | 0 |
| (d) Mediċini kontra l-malarja, it-trasport għandu jiddependi fuq il-post tal-operazzjonijiet | 0 | 0 | 0 |
| 1.8. **Komposti li jgħinu r-ridratazzjoni, it-teħid ta' kaloriji u l-espansjoni tal-plażma** | 0 | 0 | 0 |
| 1.9. **Mediċini għall-użu estern** | | | |
| (a) *Mediċini tal-ġilda* | 0 | 0 | 0 |
| — Soluzzjonijiet antisettiċi | 0 | 0 | 0 |
| — Ingwenti antibijotiċi | 0 | 0 | 0 |
| — Ingwenti antiinfjammatorji u analġeżiċi | 0 | 0 | 0 |
| — Preparati kontra l-ħruq | 0 | 0 | 0 |
| (b) *Mediċini tal-għajnejn* | 0 | 0 | 0 |
| — Antibijotiċi u antiinfjammatorji | 0 | 0 | 0 |
| — Qtar anestetiku | 0 | 0 | 0 |
| — Soluzzjoni salina għat-tlaħliħ tal-għajnejn | 0 | 0 | 0 |
| — Qtar ipotoniku mijotiku | 0 | 0 | 0 |
| (c) *Mediċini tal-widnejn* | 0 | 0 | 0 |
| — Soluzzjonijiet anestetiċi u antiinfjammatorji | 0 | 0 | 0 |
| (d) *Mediċini għal infezzjonijiet tal-ħalq u tal-griżmejn* | 0 | 0 | 0 |
| — Prodotti antisettiċi għat-tlaħliħ tal-ħalq | 0 | 0 | 0 |
| (e) *Anestetiċi lokali* | 0 | 0 | 0 |
| — Anestetiċi lokali li jingħataw permezz ta' injezzjoni taħt il-ġilda | 0 | 0 | 0 |
| 2. **TAGĦMIR MEDIKU** | | | |
| 2.1. **Tagħmir għar-risuxxitazzjoni** | | | |
| — Borża Ambu (jew ekwivalenti); fornut b'maskri kbar, medji u żgħar | 0 | 0 | 0 |
| — Apparat għall-amministrazzjoni tal-ossiġenu b'valv li jnaqqas il-pressjoni sabiex ikun jista' jintuża l-ossiġenu industrijali tal-vapur, jew kontenitur tal-ossiġenu ([1]) | 0 | 0 | 0 |
| — Aspiratur mekkaniku biex jiftaħ il-passaġġi respiratorji ta' fuq | 0 | 0 | 0 |

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 2.2. **Faxex u tagħmir għas-sutura** | | | |
| — Turniketti | 0 | 0 | 0 |
| — Stejpler tas-sutura jew kitt tas-sutura bil-labar mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex elastiċi adeżivi | 0 | 0 | 0 |
| — Strixxi tal-garża | 0 | 0 | 0 |
| — Kompressi tal-garża sterili | 0 | 0 | 0 |
| — Liżar sterili għal vittmi ta' ħruq | 0 | 0 | 0 |
| — Faxxa trijangulari (sling) | 0 | 0 | 0 |
| — Ingwanti mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex adeżivi | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex sterili ta' kompressjoni | 0 | 0 | 0 |
| — Suturi adeżivi jew faxex tal-ossidu taż-żingu | 0 | 0 | 0 |
| — Garża bil-vażelina | 0 | 0 | 0 |
| 2.3. **Strumenti** | | | |
| — Kaxxa għall-istrumenti magħmula minn materjal adatt | 0 | 0 | 0 |
| — Imqassijiet | 0 | 0 | 0 |
| — Forċipi għad-dissezzjoni | 0 | 0 | 0 |
| — Klampi emostatiċi | 0 | 0 | 0 |
| 2.4. **Tagħmir għal eżamijiet u monitoraġġ** | 0 | 0 | 0 |
| — Depressuri tal-ilsien mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| — Lożor f'każ ta' evakwazzjoni medika | 0 | 0 | 0 |
| — Stetoskopju | 0 | 0 | 0 |
| — Sfigmomanometru | 0 | 0 | 0 |
| — Termometru mediku | 0 | 0 | 0 |
| — Termometru ipotermiku | 0 | 0 | 0 |
| — Test rapidu għall-malarja, it-trasport għandu jiddependi fuq il-post tal-operazzjonijiet | 0 | 0 | 0 |
| 2.5. **Tagħmir għall-injezzjoni, għall-perfużjoni, għat-titqib u għall-kateterizzazzjoni** | 0 | 0 | 0 |
| — Sett għall-infużjoni fil-vini | 0 | 0 | 0 |
| — Siringi u labar mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| 2.6. **Tagħmir mediku ġenerali** | 0 | 0 | 0 |
| — Tagħmir protettiv mediku u ta' kura personali | 0 | 0 | 0 |
| 2.7. **Tagħmir għall-immobilizzar u għall-issettjar** | 0 | 0 | 0 |
| — Sett ta' qassaba ta' daqsijiet differenti għall-estremitajiet | 0 | 0 | 0 |
| — Kullar għall-immobilizzar tal-għonq | 0 | 0 | 0 |

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 3. **ANTIDOTI** | | | |
| 3.1. Ġenerali | 0 | 0 | 0 |
| 3.2. Kardjovaskulari | 0 | 0 | 0 |
| 3.3. Sistema gastrointestinali | 0 | 0 | 0 |
| 3.4. Sistema nervuża | 0 | 0 | 0 |
| 3.5. Sistema respiratorja | 0 | 0 | 0 |
| 3.6. Kontra l-infezzjonijiet | 0 | 0 | 0 |
| 3.7. Għall-użu estern | 0 | 0 | 0 |
| 3.8. Oħrajn | 0 | 0 | 0 |
| 3.9. Meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ossiġenu (inklużi rekwiżiti ta' manutenzjoni) | 0 | 0 | 0 |

([1]) Skont il-kundizzjonijiet ta' użu preskritti mil-liġijiet u/jew mill-prattiki nazzjonali

Post u data: ..........................................................................................

Firma tal-Kaptan: ..........................................................................................

Awtorizzazzjoni minn persuna jew awtorità kompetenti: ..........................................................

TAQSIMA C

***BASTIMENTI TAL-KATEGORIJA C***

I. **Dettalji tal-bastiment**

Isem: ...........................................................................................................

Bandiera: .......................................................................................................

Port tal-irmiġġ: ...............................................................................................

II. **Provvisti tal-mediċina**

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 1. **MEDIĊINA** | | | |
| 1.1. **Kardjovaskulari** | | | |
| (a) Preparati kontra l-anġina | 0 | 0 | 0 |
| 1.2.**Sistema gastrointestinali** | | | |
| (a) Mediċini kontra d-dijarea | 0 | 0 | 0 |
| 1.3.**Analġeżiċi u antispażmodiċi** | | | |
| (a) Preparati analġeżiċi, antipiretiċi u antiinfjammatorji | 0 | 0 | 0 |
| 1.4. **Sistema nervuża** | | | |
| (c) Rimedji kontra d-dardir tal-baħar | 0 | 0 | 0 |
| 1.5. **Mediċini għall-użu estern** | | | |
| (a) *Mediċini tal-ġilda* | 0 | 0 | 0 |
| — Soluzzjonijiet antisettiċi | 0 | 0 | 0 |
| — Preparati kontra l-ħruq | 0 | 0 | 0 |
| (b) *Mediċini tal-għajnejn* | 0 | 0 | 0 |
| — Soluzzjoni salina għat-tlaħliħ tal-għajnejn | 0 | 0 | 0 |
| 2. **TAGĦMIR MEDIKU** | | | |
| 2.1. **Faxex u tagħmir għas-sutura** | | | |
| — Turniketti | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex elastiċi adeżivi | 0 | 0 | 0 |
| — Kompressi tal-garża sterili | 0 | 0 | 0 |
| — Ingwanti mhux riutilizzabbli | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex adeżivi | 0 | 0 | 0 |
| — Faxex sterili ta' kompressjoni | 0 | 0 | 0 |
| — Suturi adeżivi jew faxex tal-ossidu taż-żingu | 0 | 0 | 0 |
| 3. **ANTIDOTI** | | | |
| 3.1. Ġenerali | 0 | 0 | 0 |
| 3.2. Kardjovaskulari | 0 | 0 | 0 |
| 3.3. Sistema gastrointestinali | 0 | 0 | 0 |
| 3.4. Sistema nervuża | 0 | 0 | 0 |

| | Kwantitajiet meħtieġa | Kwantitajiet li fil-fatt jinsabu abbord | Rimarki (b'mod partikolari, kwalunkwe data ta' skadenza) |
|---|---|---|---|
| 3.5. Sistema respiratorja | 0 | 0 | 0 |
| 3.6. Kontra l-infezzjonijiet | 0 | 0 | 0 |
| 3.7. Għall-użu estern | 0 | 0 | 0 |
| 3.8. Oħrajn | 0 | 0 | 0 |
| 3.9. Meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ossiġenu (inklużi rekwiżiti ta' manutenzjoni) | 0 | 0 | 0 |

Post u data: ..........................................................................................................

Firma tal-Kaptan: ..........................................................................................................

Awtorizzazzjoni minn persuna jew awtorità kompetenti: .........................................................."